MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 755/2004

**Atlas Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta` estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet taghha Avantgarde Tile & Stone Ltd abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi**

**Vs**

**John Abela Limited u b'digriet tad-9 ta' Jannar 2006, giet kjamata in kawza s-Sea Malta Company Limited**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' April 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' Lm341.56 (tlett mija wiehed u erbghin Lira Maltin u sitta u hamsin centezmu) rapprezentanti hsarat fil-merkanzija.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Peress illi l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ tlett mija u wiehed u erbghin lira u sitta u hamsin centezmu (Lm341.56), rapprezentanti hsarat fil-merkanzija appartanenti lill-assigurata tas-socjeta` attrici u ghall-ispejjez tas-survey relattiv, waqt illi dawn kienu fil-kura u il-kustodja tal-konvenuta, liema konsenja waslet Malta fuq bastiment MV Zebbug fit-30 ta’ Mejju 2003, liema danni diga thallsu mis-socjeta` attrici ai termini tal-polza relattiva.

Bl-imghax mill-1 ta’ Settembru 2003 u bl-ispejjez kontra l-konvenut, li minn issa tibqa` ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet huma preskritti ai termini tal-Ligi tal-artiklu sitta (6) tal-Att 140 carriage of goods by Sea Act.

Illi t-Talbiet huma intempestivi stante illi din it-Talba ma gitx mibdija b`ittra jew mezz iehor.

Illi ghandhom igibu l-prova bejn il-konvenut u Avantgarde Tile and Store Ltd li kien hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet.

Illi ghadhom jigu kjamati in kawza Millenium Insurance Agency Ltd peress li kienu l-agenti assikurativi tal-konvenuti.

Illi ghandhom jigu kjamati in kawza Sea Malta Company Ltd u Cargo Handling Ltd peress li l-allegati hsarat saret meta l-merkanzija kienet taht il-kustodja u taht is-sorveljanza taghha.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi s-socjeta` attrici qed tirreklama s-somma ta' tlett mija u wiehed u erbghin lira Maltin (Lm 341) minghand il-konvenuta ghall-hsarat kagunata f'merkanzija li kienet assigurata mas-socjeta` attrici.

Illi s-Sea Malta Company Limited ghalkemm debitament ingunta baqghet kontumacjo ma rrispondiet ghall-ebda talba attrici jew tas-socjeta` konvenuta.

Li mhux kontestat illi nstab materjal bil-hsara li kien fil-pussess tas-socjeta` konvenuta. Anki kif jirrizulta mid-dokument a fol 24 tal-process is-socjeta` konvenuta kienet inkarigata biex igib ix-xoghol minn barra ghall-klient tas-socjeta` attrici. U dana meta wasal hawn Malta nstab li kien hemm in-nuqqas u hsarat.

F'tali cirkostanzi, ir-responsabbilta` fil-konfront tas-socjeta` attrici ghandha tkun spartita bejn iz-zewg konvenuti. Dana ghaliex wiehed ha r-responsabbilta` li jaghbbi x-xoghol, is-socjeta` konvenuta kjamata in kawza hadet ir-responsabbilta` li ggorr lejn Malta u kien meta marru biex jirtiraw ix-xoghol mill-store f'Hal Far li nstabu l-hsarat. Huwa zgur illi la s-socjeta` attrici u lanqas il-klient taghhom ma huma responsabbli ghal dawn in-nuqqas jew hsarat, meta dan ix-xoghol kien f'idejn iz-zewg konvenuti l-ohra.

Illi l-quantum tad-danni ma giex kontestat u qed jigi akkordat.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta u lis-societa` kjamata fil-kawza jhallsu ugwalment bejniethom is-somma ta' tlett mija u wiehed u erbghin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm341.56) lis-socjeta` attrici, bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------